**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 123 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Sean Farrugia**

Illum, 17 ta' Novembru 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Sean Farrugia, detentur tal-karta tal-identita numru 389789 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Matul ix-xahar ta' Gunju tas-sena 2018, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serqa ta' petrol minn Speedy Petrol Station, Triq it-Torri, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

U aktar talli fl-istess zminijiet naqas milli josserva l-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti (Imhallef E. Grima) nhar it-8 ta' Novembru 2017, fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, u waqt li kien mehlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wiehed ta' natura involontarja.

Il-Qorti mitluba li titratta lil Sean Farrugia bhala recediv ai termini talartikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412 D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261 (c), 279 (b) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien taht arrest preventiv in konnessjoni mal-proceduri odjerni.

Inoltre a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €446.25 rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Ordnat li din is-sentenza flimkien mal-Atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sean Farrugia minnhu pprezentat fil-5 t' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

a) Tikkonfermaha kwantu sabet lill-appellanti hati tal-imputzzjonijiet kollha hekk kif migjuba kontra tieghu;

b) Tikkonfermaha in kwantu gie dikjarat illi ma setghetx tigi ordnat il-konfiska tad-depozitu u/jew garanzija personali; u

c) Tvarja l-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-piena aktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li jsawwru dan il-kaz.

Rat illi l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. <u>Dwar il-piena</u>**

**A.1 Generali**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *"l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*[1]

Illi fl-umli fehma tal-appellant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu, ossia dik ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija, ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament.

L-esponenti jifhem li min isofri minn problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor madanakollu l-esponenti jistqarr li ghalkemm ikkommetta r-reati addebitati lilu, dan ma ghamlux b'sens ta' disrispett izda ghax hass il-piz tal-vizzju tieghu tant ikun tqil li ma jkunx jista' jissaportih iktar u sussegwentament jgeghlu jaghmel dak li ma jridx.

Fil-fatt l-esponenti jista' facilment jirrelata ma' dak li stqarr **Eric Patterson, *"Lastly, addicted people frequently value obtaining their drugs above all else. Because obtaining drugs is the highest priority to an addict, financial troubles are inevitable, and many people eventually resort to stealing and other criminal activity to obtain resources to purchase drugs."***[2]

L-esponenti jemmen li in kwantu tal-piena, hekk kif gara f'sentenzi u decizjonijiet precidenti[3], l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li kien akkuzat bihom l-esponenti kif ukoll tal-fatt li l-appellanti huwa mahkum mill-vizzju tad-droga.

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti talAppell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[2] http://drugabuse.com/library/drug-abuse-problems/

[3] Vide Il-Pulizija vs Stefano Montebello deciza nhar l-20 ta' Frar, 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Mag. D. m. Frendo Dimech

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alexander Cardona'[4] fejn il-Qorti sostniet:

> ***"Il-vizzju tad-droga jsolvih billi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruhu bis-serjeta li jibqa jsegwih u wara li jlestih b'success jibqa' sod sabiex jinfatam darba ghal dejjem minn dan il-vizzju u mhux billi jmur jisraq lill-haddiehor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l-"habit" tieghu li jkun hakmu."***

Di piu' l-esponenti jaghmel referenza ghad-'*dissertation*' ta' Sharlet Fabri ntitolata **"For Better or for Worse: Is Drug Rehabilitation the Case at the Corradino Correctional Facility?"**[5] fejn Fabri intervistat numru ta' persuni li servew sentenza ta' prigunerija effettiva gewwa l-facilita' Korrettiva ta' Kordin u li matul tali perjodu ghamlu uzu minn drogi. Fabri tikteb:

> ***"The student respondents were provided with two statements claiming that it is hard both to bring and to access drugs in prison. While five were not sure whether it is hard to bring in drugs at the Corradino Correctional Facility, eight strongly/disagreed with the statement, hence implying that such a manoeuvre is not quite difficult to carry out. Correspondingly, four were not sure how hard it is to access drugs in prison, while nine students strongly/disagreed that drugs are hard to be accessed. This means that the majority perceive drugs in prison to be mainstreamed.***
>
> ***Such perceptions were proved right by the answers gathered from the deviant respondents, out of whom ten said that it is easy. However, they claimed that it is easier to access drugs rather than to bring them in. They also asserted that finances play an important role since only money will incentivise people to risk in bringing them inside, while it is also very expensive to buy from other fellow prisoners. Some quotes the interviewer came across were:***
>
> - ***"Facli ddaħħal u facli li ssib tiehu. Hafna ukoll."***

[4] Deciza nhar is-6 t' Awwissu, 2014 per Onor. Mag. A. Bugeja

[5] Fabri, Sharlet. "For Better Or For Worse: Is Drug Rehabilitation The Case At The Corradino Correctional Facility?"". Degree of Bachelor of Arts (Honours) in Sociology. University of Malta, 2011

- *"M'hemmx ghalfejn iddahhal inti, idahlulek. Id-droga qatt m'hi se tispicca gol-habs, zgur. Jaghmlu x'jaghmlu ghalxejn. Ghax inti trid tqis li hemm 600 u xi haga, tista' tlahhaq ma' 600 mohh? Meta dawn kulhadd ghamel il-hazin? Hemm min mohhu jtih hemm gew."*
- *"Il-hin kollu hdejk ha tkun." "*

L-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **<u>"Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et.</u>"**[6]:

> *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."*

L-esponenti jistaqsi jekk din l-Onorabbli Qorti f'kazijiet fejn l-akkuzat ma jkunx ta' eta' zghira bhalu u jkun recidiv, tasal biex toffri lill-akkuzzat opportunita' li jbiddel hajtu minghajr ma tghabbih b'pieni esagerati li kapaci jwasslu ghal reati ohrajn, ghalfejn fil-kaz tieghu le?

Dan kollu huwa relevanti ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* fejn il-piena tkun mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi li juru li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u ddemostra sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu.[7] Meta jkun hemm disponibiltà u rieda tajba l-Qorti dejjem izzomm miftuhin it-twieqi ghall-bidla u ghall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta.

### A.2 Dwar l-addebitu tar-Recediva

Illi minn qari tal-artikoli indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza appellata, jemergi illi ai fini ta' kalibrar tal-piena l-ewwel Onorabbli Qorti ikkunsidrat dak li jiddisponi l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u trattat mal-appellant bhala recediv u konsegwentament l-esponenti wehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita.

---

[6] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

[7] Vide Il-Pulizija vs Nathalie Felive deciza nhar l-4 ta' Dicembru, 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef M. Mallia

Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, l-esponenti qieghed jiccita **l-artikolu 50** tal-Kodici Kriminali:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, taghmel delitt ieħor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

B'kull dovut rispett imma fl-umli fehma tal-esponenti, f'dan ir-rigward, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset.

Anke jekk fil-kaz *de quo* l-esponenti ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha hekk kif migjuba kontra tieghu, l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu legali li tevalwa tali ammissjoni[8] fid-dawl tal-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontra l-appellant u jekk jirrizultalha illi xi imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw, ma tizdiedx il-piena biex tirrifleti tali akkuzi.

Mill-atti, ghalkemm jirrizulta illi giet ezebita l-fedina penali aggornata tal-esponenti, madanakollu, bl-ebda mod u manjiera ma jista' jinghad illi minn tali fedina penali setgha b'xi mod jirrizulta illi:

1. Tali gudizzji indikati fil-fedina penali huma res judicata;
2. U jekk res judicata, jekk tali pieni gewx effettivament skontati.

Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponenti, gialadarba ma setgha qatt jirrizulta id-dispost tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, il-piena ma kelliex tizdied bi grad.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-su espost l-esponenti jemmen illi l-piena timmerita temperament.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2020.

[8] Vide, passim "il-Pulizija v. Abdul Hamed Tlass et", deciza 12 ta' Frar 2008, per Onor. Prim. Imhallef V. De Gaetano

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda zewg aggravji principali u cioe' li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet eccessica konsiderando l-ammissjoni bikrija tal-appellant u fit-tieni lok li l-Qorti abitu hati tallu hu recidiv meta fl-atti kien hemm biss esebit l-fedina penali tal appellant u l-ebda sentenza li a bazi taghha l-ewwel Qorti setghet tiddikjara li l-appellant hu recidiv.

Il-Qorti esaminat l-atti u rat li l-appellant tressaq il-Qorti nhar it-18 ta' Gunju, 2018 u gie akkuzat bir-reat ta' serq aggravat minn gewwa l-fond Speedy Petrol Station, triq it-Torri tas-Sliema fix-xahar ta' Gunju, 2018 u kif ukoll li naqas li josserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti nhar it-8 ta' Novembru, 2017 fid-digriet taghha li bih kien inghata il-helsien mill-arrest. Rat illi fl-ewwel seduta li giet appuntata ghas-smiegh ta' dan il-kaz u cioe' nhar is-17 ta' Gunju , 2018 l-appellant kien assisti mill-avukat difensur tieghu u fil-presenza tieghu l-Qorti infurmat lill-appellant bis-esrjeta tal-imputazzjonijeit migjuba fil-konfront tieghu u bil-konsgwenzi u li hu ghandu d-dritt li ma jwegibx ghall-ebda domanda. Rat li l-appellant wara li inghta ftit ta' hin ghal ripensiment ikkonferma l- ammissjoni li kien irregistra fl-atti ftit tal-hin qabel.

Ghalhekk jirrizulta li l-appellant irregistra ammissjoni ghaz-zewg akkuzai li inghataw mill-prosekuzzjoni u una volta irregistra ammissjoni dan kien ifisser li kien qed jezenta lill-prosekuzzjoni millhtiega li tkompli tressaq provi in sostern tal-akkuzi taghha. Tant li fil-fatt appena irregistra ammissjoni l-appellant stess talab li jinghata l-possibilita li jressaq provi ghall- eventwali talba tieghu li kellha ssir ai termini tal-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Issa jinghad l-ewwelnett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[9]).

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li fil-fatt l-appellant kien ammetta l partecipazzjoni fis-serq ta' petrol mill-Speedy garage dakinhar li rrilaxja l-istqarrija tieghu nhar is-17 ta' Gunju 2018 u fil-fatt jispjega l modus opernadi t akif kien isehh dan is-sehh u r-raguni ghaleix kien seraq u cioe' sabeix isostni l-vizzju lihuwa ghadnu ta' abbuz ta' droga. Huwa lodevoli ukoll tinnot al-Qorti li meta gie msitoqsi jekk kienx lest li jhallas ghal patrol i seraq wiegeb fl-affermattiv ghalkemm mill-atti processwali ma jririzultax li filf-att hallas id-debitu tieghu.

Skond ix-xhieda moghtija minn **Dr Kevin Sammut Henwood** jirrizulta li l-appellant beda jabbuza mid-droga minn eta zghira u cioe' meta kien ghad kellu hmistax-il sena u sahansitra anke kien jghamel xirjiet ta' droga biex imantni l-vizju tal-hbieb tieghu Kien hawnhekk meta beda diehel fi crieki piuttost kriminali. Qal li fil-fatt kellu trobbija xejn felici fejn missieru kien anke isawwat lill-ommu. Spjega li kien segwa u spicca programm ta' riabilitazzjoni u zamm *clean* ghall–perijodu ta' sbatax-il xahar wara pero' rega irrilepjsa. Qalli fil-fatt kien qabad il-vizzju tas-serq biex imantni l-habit tieghu.

Nhar il-5 ta' Settembru, 2018 huwa pprezenta ir-rapport tieghu fejn kkonferma li l-appellant ghandu jindirizza l-problema akuta li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga billi isegwi programm residenzjali.

Rat ukoll ix-xhieda moghtija minn Noel Cassar adett mal-Caritas nhar il-5 ta' Settembru, 2018 fejn stqar li kienu lesti li jilqghu lill-appellant fit-12 ta' Setembru

[9] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nahr it-2 ta' Dicembru 2005

2018 sabiex jibda l-ewwel sitt gimghat xelter ta' preparazzjoni residenzjali fejn wara jghamel sitt xhur programm u wara tlett xhur ohra *evening programme.*

Rat li fil-fatt l-appellant kien beda programm biex jindirizza din il-problema tant akuta tieghu fil-fatt Josette Stensen, Therapeutic Facilitator ta' Dar Charles Miceli tikkonferma fir-rapport taghha esebit fl-atti a dfol 78 li l-appellant qed jghamel hiltu kollha biex jahdem fuq *'his self awareness as an individual and as a service user within a community.'* Ikkonkludiet li rat li *'his commitment at Dar Chalres Miceli is seen as well by staff and although it is a learnign process I believe thuis time he is reflecting more onhis doigs.'*

Rat ukol lin-nota[10] tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga prezentata fl-atti nhar it-18 ta' Ottubru, 2019 fejn hemm indikat li l-Bord ma jidhirlux li kien hemm progress sodisfacenti u ghalhekk baghtet lura l-kaz lil Qorti.

Illi nhar it-3 ta' Dicembru, 2019 l-ewwel Qorti stidnet lill-partijiet sabiex iresqu il provi li jidrilhom fir-rigward tal-piena stante l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Id-difiza talbet lil Qorti sabiex qabel ma tghaddi ghas-sentenza l-Ufficcjal Prosekutur ghandu jesebixxi kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant u dan sar permezz ta' nota datata 27 ta' Frar, 2020[11] Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant li twieled fit-27 ta' Awwissu, 1989 diga ghandu diversi *convictions* registrati fuq il- fedina penali tieghu. Jirrizulta li meta kien ghad kellu 21 sena fis-sena 2010 kien instab hati ta' pusess ta' droga kokajina u tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u inghata section 22 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Illi sena wara u cioe' fis-sena 2011 rega instab hati ta' l-istess reati u cioe' pusess ta' droga izda din id-darba tad-droga Eroina u tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u rega inghata l-istess *conditional discharge*, Fis-sena 2014 u ghalhekk issa kellu 25 sena l-appellant rega ghat-tielet darba instab hati ta' pusess tad-droga Cannabis u inghata sentenza ta' 22 xahar prigunerija oltre li gie kkundannat ihallas multa ta' hames mitt euro ( €500). Illi in segwitu ghal dawn il-*convictions* fuq kazi ta' pusess ta' droga l-appellant instab hati f'zewg okkazjonijiet u cioe' fis-snin 2016 u

[10] Fol… 80
[11] Fol. 85

2020 *inter alia* fuq akkuzi ta' serq aggravat fejn inghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Cio nonnostante l-appellant rega kiser dufrejgh mal-ligi u qieghed jiffaccja dawn il-proceduri fejn hu stess irregistra ammissjoni quddeim l-ewwel Qorti.

Il-Qorti esaminat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u rat r-ragunijeit li wasluha ghal piena li erogat fosthom l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat, il-fedina penali tieghu u l-fattli fil-present qed jiskonta sentenza ta' prigunerija. Din il-Qorti pero' izzid illi jidher li l-appellant ma jridx jitghallem biex izomm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u jipperisti li jkompli ghaddej fit-triq tal-kriminalita'. Jidher li minkejja li ngahta diversi opportunitajiet biex jirranga hajtu meta inghata *conditional discharges* dan ma tghallimx jisfrutta ruhu minnhom, mhux hekk biss izda zied id-doza u dan ghaliex apparti ir-reati konessi mad-droga issa l-appellant qed jiffaccja reati konessi ma serq aggravat u ksur ta' digriet tal-Qorti u ghalhekk kkommetta reat kontra l-amministirazzjoni tal-gustizzja. Inoltre jidher li l-ewwel Qorti ridet tati chance iehor lill-appellant biex jindirizza l-vizzju mishut tieghu ta' abbuz ta' droga tant li kienet baghtet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga izda hawnhekk ukoll il-Bord kkonkluda li l-appellant ma ghamilx bizzejjed sforz tant li ddecida li ma kienx hemm progress sodisfacenti tant li baghat lura l-atti lil Qorti

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kolllu din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandu ikun hemm tibdil fil-piena imposta.

Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud .

Konsegwentemetn din il-Qorti qeda tichad l-appell tal-appellant billli qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet ill-appellant hati tal-akkuzi kif ukoll qed tikkonferma il-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva li minnhom jrid jitnaqqas iz-zmien li l-appellant kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn il-proceduri. Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma ordnatx il-konfiska tad-depositu u/jew garazija personali imposta ghall–istess ragunijiet ta' l-ewwel qorti u cioe' ghaliex tali digriet ma giex prezentat f'dawn l-atti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur